

Suġġett

Talba għas-sospensjoni tal-effetti legali tad-deċiżjoni li permezz tagħha l-Kummissjoni fetħet proċedura ta' investigazzjoni formali fil-qasam tal-ġhajjnuna mill-Istat fir-rigward tal-Liġi Ġermaniża dwar l-enerġija rinnovabbli.

Dispożittiv

- 1) *It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.*
- 2) *L-ispejjeż huma rriżervati.*

Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Settembru 2014 – Michelin Reifenwerke vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-301/14 R)**

(“Proċeduri għal miżuri provviżorji — Ġhajjnuna mill-Istat — Promozzjoni nazzjonali tal-produzzjoni tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali fil-qasam tal-ġhajjnuna mill-Istat — Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Fumus boni juris”)

(2014/C 431/49)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż***Partijiet**

Rikorrenti: Michelin Reifenwerke AG & Co. KGaA (Karlsruhe, il-Ġermanja) (rappreżentanti: T. Volz u B. Wißmann, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: T. Maxian u R. Sauer, aġenti)

Suġġett

Talba għas-sospensjoni tal-effetti legali tad-deċiżjoni li permezz tagħha l-Kummissjoni fetħet proċedura ta' investigazzjoni formali fil-qasam tal-ġhajjnuna mill-Istat fir-rigward tal-Liġi Ġermaniża dwar l-enerġija rinnovabbli.

Dispożittiv

- 1) *It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.*
- 2) *L-ispejjeż huma rriżervati.*

Rikors ippreżentat fl-4 ta' Lulju 2014 – L-Isvezja vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-521/14)**

(2014/C 431/50)

*Lingwa tal-kawża: l-Isvediż***Partijiet**

Rikorrenti: Ir-Renju tal-Isvezja (rappreżentanti: A. Falk u K. Sparrman, aġenti)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

— tikkonstata li, billi naqset milli tadotta atti delegati sabiex tispeċifika kriterji xjentifiċi għad-determinazzjoni tal-proprietajiet li jfixxlu s-sistema endokrinali, il-Kummissjoni Ewropea kisret l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Mejju 2012, dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali;

— tikkundanna lill-Kummissjoni tbat i-ispejjeż tal-kawża.

Motivi u argumenti prinċipali

Skont l-Artikolu 5(3) tar-Regolament dwar il-Bijoċidi⁽¹⁾, il-Kummissjoni għandha tadotta, sa mhux iktar tard mit-13 ta' Diċembru 2013, atti delegati sabiex tispeċifika kriterji xjentifiċi għad-determinazzjoni tal-proprjetajiet li jfixxlu s-sistema endokrinali. Ir-rikorrenti ssostni li billi ma adottatx dawn l-atti delegati, il-Kummissjoni naqset milli tadotta l-miżuri li hija legalment marbuta li tadotta. Ir-rikorrenti stiednet lill-Kummissjoni tadotta l-atti delegati previsti fl-Artikolu 5(3) tar-Regolament tal-Bijoċidi, iżda, skont ir-rikorrenti, ir-risposta tal-Kummissjoni ma tikkostitwixxix teħid ta' pożizzjoni dwar din l-istadina fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 265 TFUE. Barra minn hekk, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni lanqas ma ħadet miżuri, sa meta ġie ppreżentat ir-rikors, li jimplikaw li n-nuqqas ta' teħid ta' azzjoni ntemm. Skont ir-rikorrenti, il-Kummissjoni għandha d-data sabiex tispeċifika l-kriterji xjentifiċi għad-determinazzjoni tal-proprjetajiet li jfixxlu s-sistema endokrinali u l-kriterji previsti fit-tieni u fit-tielet subparagrafi tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament dwar il-Bijoċidi għandhom japplikaw sa meta l-Kummissjoni tadotta atti delegati li jinkludu l-kriterji dwar is-sustanzi li jfixxlu s-sistema endokrinali.

⁽¹⁾ Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Mejju 2012, dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 167, p. 1).

Rikors ippreżentat fid-29 ta' Awwissu 2014 – JP Divver Holding Company vs UASI (EQUIPMENT FOR LIFE)

(Kawża T-642/14)

(2014/C 431/51)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: JP Divver Holding Company Ltd (Newry, l-Irlanda) (rappreżentanti: A. Franke, E. Bertram, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI

Trade mark ikkontestata kkonċernata: reġistrazzjoni internazzjonali li tindika l-Unjoni Ewropea tat-trade mark li tinkludi l-element verbali "EQUIPMENT FOR LIFE"

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tas-16 ta' Ġunju 2014 fil-Każ R 64/2014-2

Talbiet

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

Motiv invokat

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009.

Rikors ippreżentat fit-12 ta' Settembru 2014 – SV Capital vs EBA

(Kawża T-660/14)

(2014/C 431/52)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: SV Capital OÜ (Tallinn, l-Estonja) (rappreżentant: M. Greinoman, avukat)

Konvenuta: L-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA)